



Kunsill Ewropew

Brussell, 23 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

EUCO 18/25

CO EUR 15
CONCL 5

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (23 ta' Ottubru 2025) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

I. UKRAJNA

1. Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet ma' Volodymyr Zelenskyy, il-President tal-Ukrajna.
2. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-aħħar żviluppi fir-rigward tal-Ukrajna. It-test li jinsab fid-dokument EUCO 19/25 ġie appoġġat bis-sħiħ minn 26 Kap ta' Stat jew ta' Gvern.
3. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu li jmiss.

II. LVANT NOFSANI

4. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-qbil li ntlaħaq dwar l-ewwel fażi tal-Pjan Komprensiv biex jintemm il-Konflitt ta' Gaża ppreżentat mill-President Trump, kif ukoll l-eżitu tas-Summit għall-Paċi ta' Sharm El-Sheikh li sar fit-13 ta' Ottubru 2025. Huwa jfaħħar l-isforzi diplomatiċi mmexxija mill-Istati Uniti u r-rwol li qdew il-medjaturi reġjonali, li l-Unjoni Ewropea appoġġat b'mod konsistenti. Huwa jappella lill-partijiet kollha jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ għall-implimentazzjoni tal-fażijiet kollha u jżommu lura minn kwalunkwe azzjoni li tipperikola l-ftehim.
5. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-Konferenza ta' Livell Għoli għas-Soluzzjoni Paċifika tal-Kwistjoni tal-Palestina u l-Implimentazzjoni tas-Soluzzjoni ta' Żewġ Stati fi New York immexxija b'mod konġunt minn Franza u l-Arabja Sawdija. Il-Kunsill Ewropew itenni l-impenn tal-Unjoni Ewropea għad-dritt internazzjonali u għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema bbażata fuq is-soluzzjoni ta' żewġ stati f'konformità mar-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fejn żewġ stati demokratiċi, Iżrael u l-Palestina, jgħixu magħnib xulxin fil-paċi fi fruntieri siguri u rikonoxxuti.

6. Filwaqt li jilqa' l-ħelsien tal-ostaġġi kollha li kienu miżmuma għal sentejn mill-grupp terroristiku Hamas, il-Kunsill Ewropew jappella lill-partijiet kollha jimpenjaw ruħhom b'mod kostruttiv u jimplimentaw bis-sħiħ il-ftehim mingħajr dewmien, biex b'hekk jippermettu t-tmiem permanenti tal-ostilitajiet. Biex tittaffa s-sitwazzjoni umanitarja mwieġhra, il-Kunsill Ewropew jappella għal aċċess immedjat u mingħajr xkiel u distribuzzjoni sostnuta tal-assistenza umanitarja fuq skala kbira lejn Gaza u madwarha u biex in-NU u l-aġenziji tagħha, u l-organizzazzjonijiet umanitarji, ikunu jistgħu jaħdmu b'mod indipendenti u imparzjali. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tikkontribwixxi għall-isforzi għall-paċi u tinvolvi ruħha b'mod attiv mas-sħab fil-passi li jmiss. Ser tappoġġa t-twassil rapidu, sikur u mingħajr xkiel ta' għajjnuna umanitarja f'koordinazzjoni mas-sħab internazzjonali, inkluż permezz tal-Kuritur Marittimu ta' Ċipru biex jissupplimenta r-rotot fuq l-art. Hija ser tagħmel użu sħiħ mill-missjonijiet tagħha, il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EUBAM Rafah) u l-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS). Il-mandati tagħhom għandhom jissaħħu. L-Unjoni Ewropea tinsab lesta tikkontribwixxi għall-istabbilizzazzjoni, il-governanza ta' tranżizzjoni, l-irkupru u r-rikostruzzjoni ta' Gaza.
7. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tappoġġa lill-Awtorità Palestinjana, inkluż fir-riforma li għaddejja tagħha, u bil-ħsieb tar-ritorn tagħha f'Gaza. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Iżrael jirrilaxxa d-dħul miżmum minn dazji u imposti meħtieġ biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-Awtorità Palestinjana u l-ġhoti ta' servizzi essenzjali lill-popolazzjoni.
8. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza li titnaqqas it-tensjoni fix-Xatt tal-Punent, inkluż f'Ġerusalemm tal-Lvant, u jappella għat-tmiem tal-vjolenza tal-insedjamenti, inkluż kontra komunitajiet Insara, tal-espansjoni tal-insedjamenti, li huma illegali skont id-dritt internazzjonali, u tal-operazzjoni militari ta' Iżrael. Huwa jappella lil Iżrael iwaqqaf il-pjan ta' insedjament E1 li jkompli jdgħajjef is-soluzzjoni ta' żewġ stati.

Libanu

9. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu u jtenni l-appoġġ tal-Unjoni Ewropea għall-poplu Libaniż. Jilqa' l-isforzi tal-awtoritajiet il-ġodda biex jistabbilizzaw is-sitwazzjoni ekonomika u tas-sigurtà u jappoġġa l-pjan tal-Gvern li jistabbilixxi l-monopolju tal-Istat fuq iż-żamma tal-armi.

Sirja

10. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, il-Kunsill Ewropew itenni l-appoġġ tiegħu għal tranżizzjoni paċifika u inklużiva fis-Sirja, ħielsa minn interferenza barranija dannuża, u l-importanza tal-protezzjoni tad-drittijiet tas-Sirjani kollha u tal-ġustizzja tranżizzjonali u r-rikonċiljazzjoni. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tappoġġa l-perkors tas-Sirja lejn l-istabbilizzazzjoni u r-rikostruzzjoni.

III. DIFIŻA U SIGURTÀ TAL-EWROPA

11. Il-Kunsill Ewropew evalwa l-ħidma li-għandha l-għan li żżid b'mod deċiżiv il-prontezza tad-difiża tal-Ewropa sal-2030. Il-Kunsill Ewropew ikkonferma d-determinazzjoni tiegħu li jwettaq b'pass deċiż u fuq skala kbira dan l-oġettiv, sabiex l-Ewropa tkun mgħammra aħjar biex taġixxi u tittratta b'mod awtonomu, b'mod ikkoordinat, u b'approċċ ta' 360 grad, sfidi u theddidiet immedjati u futuri. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u r-riperkussjonijiet tagħha għas-sigurtà Ewropea u dinjija f'ambjent li qed jinbidel jikkostitwixxu sfida eżistenzjali għall-Unjoni Ewropea.

12. Wara l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Pjan Direzzjonali għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, il-Kunsill Ewropew jappella biex il-ħidma mmexxija mill-Istati Membri fuq l-oqsma ta' kapaċità prijoritarji kollha identifikati fil-livell tal-UE tiġi operazzjonalizzata, bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) u abbażi ta' approċċ ġenerali koerenti, imsejjsa fuq il-Boxxla Strateġika, sabiex l-Ewropa tiżviluppa l-ispettru sħiħ tal-kapaċitajiet moderni meħtieġa, f'koerenza sħiħa man-NATO. Il-Kunsill Ewropew jirrikonoxxi l-ħidma li diġà saret mill-Istati Membri, u jistedinhom jiffinalizzaw il-proċess tal-istabbiliment ta' koalizzjonijiet tal-kapaċità fl-oqsma prijoritarji kollha sa tmiem is-sena u javvanzaw fuq proġetti konkreti li għandhom jitnedew fl-ewwel nofs tal-2026.
13. B'dan il-mod, l-Unjoni ser tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi tagħha, tindirizza l-lakuni fil-mezzi kritiċi tagħha u ssaħħa il-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ewropea kif xieraq fl-Unjoni kollha sabiex tkun f'pożizzjoni li tipprovdi aħjar tagħmir fil-kwantitajiet u bir-ritmu mħaffef meħtieġ. Dan ser jikkontribwixxi wkoll biex tingħata spinta lill-kompetittività industrijali u teknoloġika Ewropea, inkluż lill-SMEs.
14. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-vjolazzjoni tal-ispazju tal-ajru ta' diversi Stati Membri u jiśhaq fuq l-importanza li tiġi żgurata d-difiża tal-fruntieri kollha tal-UE fuq l-art, tal-ajru u dawk marittimi. It-theddid immedjat fuq in-naħa tal-Lvant tal-UE u l-għoti ta' appoġġ konkret lill-Istati Membri jeħtieġ li jiġu indirizzati bħala kwistjonijiet prijoritarji.
15. Barra minn hekk, b'kont meħud tat-theddid fuq il-bqija tal-fruntieri tal-UE, il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza tad-difiża tagħhom.
16. Fid-dawl tal-attakki ibridi intensifikati tar-Russja u l-Belaruśja u l-vjolazzjoni reċenti tal-ispazju tal-ajru tal-UE, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri biex isaħħu b'mod komprensiv il-kapaċitajiet ta' difiża u sigurtà tagħhom. F'dan il-kuntest, huwa essenzjali wkoll li jissaħħu r-reżiljenza, is-sigurtà u l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika, inkluż l-infrastruttura tal-enerġija, dik diġitali u ta' taħt il-baħar.

17. Il-Kunsill Ewropew iqis li, b'ħala rispons għall-ħtiġijiet u t-theddid l-aktar immedjati, il-ħidma għandha tiffoka b'mod partikolari fuq proġetti konkreti biex jitqawwew l-isforzi konġunti tal-Istati Membri biex isaħħu l-kapaċitajiet tagħhom ta' difiża tal-ajru u ta' kontra d-droni, b'mod koordinat, b'mod partikolari bl-użu sħiħ tal-istrumenti SAFE u EDIP u strumenti finanzjarji eżistenti rilevanti oħra.
18. Il-Kunsill Ewropew jappella għal żvilupp konġunt aċċellerat ta' assi u servizzi spazjali li jaqdu skopijiet ta' sigurtà u ta' difiża, kif ukoll għall-protezzjoni ta' assi eżistenti, inkluż l-assi b'użu doppju, minħabba l-importanza tagħhom għall-awtonomija strateġika tal-Ewropa.
19. Sabiex tizzied il-kapaċità tal-industrija Ewropea tad-difiża, il-Kunsill Ewropew jappella lill-Istati Membri jimmiraw dejjem aktar l-investment fid-difiża lejn żvilupp, produzzjoni u akkwist konġunti, bl-appoġġ tal-EDA, peress li l-aggregazzjoni tad-domanda abbażi ta' rekwiżiti standardizzati u ekonomiji ta' skala huma kruċjali biex jipprovdu prevedibbiltà lill-industrija, inaqqsu l-kostijiet u jrawmu l-interoperabbiltà. L-istrumenti SAFE u EDIP għandhom jiġu mobilizzati bis-sħiħ għal dak l-għan. Il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq l-importanza tal-funzjonament tajjeb u aktar integrazzjoni tas-suq Ewropew għad-difiża mal-Unjoni kollha, inkluż aċċess transfruntier għall-katini tal-provvista tad-difiża, b'mod partikolari għall-SMEs u l-mid-caps.
20. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-Ukrajna u tal-integrazzjoni tagħha mal-industrija Ewropea tad-difiża u l-kontribut tagħha għaliha, b'mod partikolari fir-rigward tal-innovazzjoni fil-qasam tad-difiża u t-teknoloġija avvanzata tad-difiża.
21. Il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żgurati sorveljanza u koordinazzjoni politiċi effettivi biex jinżamm rekord tal-progress u fuq il-ħtieġa li tiġi intensifikata l-ħidma mill-ministri għad-difiża fil-Kunsill dwar il-prontezza tad-difiża tal-Ewropa. Din il-ħidma ser tkun ibbażata fuq rapport annwali dwar il-prontezza tad-difiża, li għandu jitħejja mill-EDA bl-appoġġ tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli, u jiġi ppreżentat lill-Kunsill Ewropew. Ir-rapport ser iqis il-progress lejn l-għeluq tal-lakuni eżistenti fil-kapaċità, filwaqt li jibni fuq ir-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD).

22. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kunsill isaħħaħ l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża sabiex tkun tista' taqdi bis-sħiħ ir-rwol tagħha fil-qasam tal-iżvilupp, ir-riċerka u l-akkwist tal-kapaċità ta' difiża u jirrapporta dwar il-miżuri meħtieġa sa tmiem l-2025.
23. Filwaqt li jfakkar fl-impenn biex tiżdied b'mod sostanzjali n-nefqa fid-difiża u s-sigurtà tal-Ewropa, il-Kunsill Ewropew irrieżamina l-ħidma dwar l-opzjonijiet ta' finanzjament rilevanti u dwar il-kooperazzjoni biex isir investiment aktar effiċjenti fil-qasam tad-difiża. Huwa jilqa' l-progress li sar minn Marzu 2025 'l hawn fir-rigward tal-attivazzjoni tal-klawżoli liberatorji nazzjonali, ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni tal-UE, u l-istrumenti SAFE u EDIP.
24. Il-Kunsill Ewropew jirrikonoxxi l-progress li sar fuq l-Omnibus dwar il-Prontezza tad-Difiża, jilqa' l-progress fil-proposta dwar l-inċentivar ta' investimenti relatati mad-difiża fil-baġit tal-UE u jistenna b'interess ftehim rapidu sa tmiem l-2025. Jappella lill-Kummissjoni tippreżenta proposti ġodda dwar is-simplifikazzjoni malajr kemm jista' jkun.
25. Il-Kunsill Ewropew jilqa' wkoll l-isforzi li saru mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) biex iżid, jissimplifika u jaċċellera l-appoġġ tiegħu għall-kapaċitajiet Ewropej ta' sigurtà u ta' difiża. Ihegġegħ lill-Grupp tal-BEI jkompli jesplora modi kif jiffinanzja l-industriji u l-kumpaniji, u kif jgħin lin-negozji ġodda jespandu fis-settur tas-sigurtà u tad-difiża fl-Ewropa.
26. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza ta' teknoloġiji innovattivi u soluzzjonijiet rivoluzzjonarji u jappella lill-Kummissjoni tippreżenta pjan direzzjonali għat-trasformazzjoni tal-industrija tad-difiża.
27. Il-Kunsill Ewropew itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jippreżentaw aktar proposti sabiex tissaħħaħ il-mobbiltà militari madwar l-Unjoni.

28. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-importanza li ssir ħidma flimkien mas-sħab tal-istess fehma, li jikkondividu l-għanijiet tal-politika estera u ta' sigurtà tal-UE.
29. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li Unjoni Ewropea aktar b'saħħitha u aktar kapaċi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża ser tikkontribwixxi b'mod pożittiv għas-sigurtà dinjija u transatlantika u hija komplementari għan-NATO, li tibqa', għal dawk l-Istati li huma membri tagħha, il-pedament tad-difiża kollettiva tagħhom.
30. Dan kollu huwa mingħajr preġudizzju għan-natura speċifika tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċertu Stati Membri, u jqis l-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha, f'konformità mat-Trattati.
31. Il-Kunsill Ewropew ser ikompli jipprovdi gwida strateġika u jirrieżamina l-progress fl-implimentazzjoni tal-oġettiv tal-prontezza tad-difiża.

IV. KOMPETITTIVITÀ U TRANŻIZZJONI DOPPJA

32. Il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni fil-fond dwar kif tista' tissaħħaħ aktar il-kompetittività tal-UE, imsejsa fuq il-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu u Ġunju 2025 u b'enfasi fuq is-simplifikazzjoni, tranżizzjoni ekoloġika kompetittiva u tranżizzjoni diġitali sovrana. Huwa jappella għal bidla radikali fl-azzjoni tal-UE u ser iżomm il-fergħat kollha tal-aġenda tal-kompetittività u tas-Suq Uniku taħt rieżami, peress li dan huwa kruċjali għas-sostenn tal-prosperità u l-mudell soċjali tal-Ewropa. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kummissjoni u lill-koleġiżlaturi jmxexxu 'l quddiem l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għas-Suq Uniku sal-2028 b'mod ambizzjuż, anke fid-dawl tal-pjan direzzjonali li jmiss tal-Kummissjoni.

Simplifikazzjoni

33. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid il-ħtieġa urġenti li tiġi avvanzata aġenda ambizzjuża u mmexxija orizzontalment li tindirizza s-simplifikazzjoni u r-regolamentazzjoni aħjar fil-livelli kollha – tal-UE, dak nazzjonali u dak reġjonali – u fl-oqsma kollha sabiex tiġi żgurata l-kompetittività tal-Ewropa, mingħajr ma jiġu mminati l-prevedibbiltà, l-għanijiet ta' politika, l-istandards għoljin u l-integrità tas-Suq Uniku. B'mod partikolari jfakkar fl-impenn biex jitnaqqsu drastikament u b'urġenza, il-piżijiet amministrattivi, regolatorji u ta' rapportar għan-negozji, inkluż l-SMEs, u l-amministrazzjonijiet pubbliċi.
34. Filwaqt li jilqa' l-progress miksub s'issa, il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-koleġiżlaturi jħaffu l-ħidma tagħhom, bħala prijorità assoluta, fuq il-fajls kollha b'dimensjoni ta' simplifikazzjoni jew kompetittività. B'mod partikolari, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ħidma li saret fuq il-pakkett Omnibus dwar is-simplifikazzjoni tal-investment u l-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (CBAM), kif ukoll il-miżuri ta' posponiment għar-rappurtar dwar is-sostenibbiltà, id-diliġenza dovuta għall-batteriji u s-sustanzi kimiċi. Huwa jħeġġeġ lill-koleġiżlaturi jikkonkludu malajr il-ħidma fuq il-pakketti ta' simplifikazzjoni omnibus proposti dwar ir-rappurtar u d-diliġenza dovuta dwar is-sostenibbiltà, l-agrikoltura, il-mid-caps żgħar u d-diġitalizzazzjoni, il-prontezza tad-difiża u l-prodotti kimiċi. Il-pakkett dwar ir-rappurtar dwar is-sostenibbiltà għandu jiġi adottat sa tmiem is-sena u l-oħrajn malajr kemm jista' jkun fil-bidu tal-2026. Il-Kunsill Ewropew jappella wkoll lill-Kummissjoni, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi skont it-Trattati, tipproponi mingħajr dewmien it-28 reġim fakultattiv tal-liġi tal-kumpaniji li jippermetti lill-kumpaniji innovattivi jespandu.
35. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kummissjoni tressaq malajr aktar pakketti ta' simplifikazzjoni ambizzjużi fost l-oħrajn dwar l-industrija awtomobilistika, il-mobbiltà militari, il-qasam diġitali, is-servizzi finanzjarji, it-trasport, l-ambjent, l-enerġija, u s-sikurezza tal-ikel, kif ukoll rieżami tar-Regolament REACH bl-għan li tingħata spinta lill-kompetittività tas-settur kimiku. Ifakkar ukoll fl-importanza ta' settur farmaċewtiku b'saħħtu fl-Ewropa.

36. Il-Kunsill Ewropew itenni wkoll il-ħtieġa li tiġi evitata r-regolamentazzjoni żejda u l-introduzzjoni ta' piżijiet amministrattivi ġodda, b'mod partikolari għall-SMEs, matul il-proċessi leġiżlattivi u ta' implimentazzjoni fil-livelli kollha, u jappella għal awtorestrizzjoni leġiżlattiva u regolatorja, f'konformità mal-approċċ ta' "sempliċità mit-fassil".
37. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kummissjoni tintensifika l-isforzi tagħha biex tittestja r-reżiljenza tal-acquis tal-UE. F'dan il-kuntest, jistieden lill-Kummissjoni:
- a) tidentifika potenzjal addizzjonali għal aktar simplifikazzjoni u tisħiħ tal-kompetittività, inkluż fil-kuntest tar-rapport li jivvaluta s-sitwazzjoni ġenerali tas-sistema bankarja fis-Suq Uniku previst għall-2026;
 - b) tesplora proposti ġodda li jissimplifikaw u jaċċelleraw il-proċeduri tal-ippjanar u tal-ġhoti ta' permessi fl-Istati Membri;
 - c) tintensifika l-isforzi ta' simplifikazzjoni fir-rigward ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni;
 - d) tqis l-irtirar tal-proposti, fejn xieraq.
38. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) jivvaluta l-programm ta' ħidma leġiżlattiva tal-Kummissjoni fid-dawl ta' dawn l-oġettivi.

Tranżizzjoni ekoloġika kompetittiva

39. It-theddida eżistenzjali kkawżata mit-tibdil fil-klima tirfed l-impenn tal-Unjoni għall-Ftehim ta' Pariġi u tixpruna d-determinazzjoni tal-Unjoni sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tat-tiġdid industrijali u t-trasformazzjoni tal-ekonomiji tagħha meħtieġa biex jinħolqu teknoloġiji nodfa, swieq, industriji u impjiegi ta' kwalità għolja tal-futur. It-titjib tal-kompetittività tal-Unjoni, it-tisħiħ tar-reżiljenza tagħha, u l-avvanz tat-tranżizzjoni ekoloġika huma oġettivi ta' tisħiħ reċiproku li jridu jiġu segwiti flimkien.

40. Biex trasformazzjoni daqshekk fundamentali tirnexxi, trid tkun ekwa u ġusta, prammatika, kosteffettiva u bbilanċjata soċjalment, filwaqt li tqis ċirkostanzi nazzjonali differenti u tipprovdi soluzzjonijiet affordabbli fl-ekonomija kollha u għaċ-ċittadini fl-Unjoni kollha kemm hi, sabiex jiġu żgurati l-kompetittività u l-prosperità tal-Ewropa għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.
41. Il-Kunsill Ewropew jappella għal żieda urġenti fl-isforzi biex tiġi żgurata l-provvista ta' enerġija affordabbli u nadifa u tinbena Unjoni tal-Enerġija ġenwina qabel l-2030, inkluż billi tiġi sfruttata t-Task Force l-ġdida għall-Unjoni tal-Enerġija. Dan ser jirrikjedi elettrifikazzjoni ambizzjuża bl-użu tas-soluzzjonijiet kollha b'emissjonijiet żero netti u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u investiment fil-grilji, fil-ħżin u fl-interkonnessjonijiet fil-livell nazzjonali u tal-UE. Fid-dawl tal-impatt negattiv tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija fuq il-kompetittività tal-industriji Ewropej fil-livell dinji, fuq l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u fuq l-unitajiet domestiċi Ewropej, il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kummissjoni biex taċċellera l-ħidma mmirata lejn it-tnaqqis tal-prezzijiet tal-enerġija u l-appoġġ għall-produzzjoni tal-enerġija sostenibbli fl-Unjoni. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta proposti rilevanti malajr kemm jista' jkun.

42. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-ħtieġa urġenti li jiġu intensifikati l-isforzi kollettivi biex jiġu żgurati t-tiġdid, il-modernizzazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni industrijali tal-Ewropa b'mod newtrali fir-rigward tat-teknoloġija. F'dan il-kuntest, jissottolinja li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-industriji tradizzjonali, b'mod partikolari l-industriji awtomobilistiċi, tat-tbaħħir u tal-avjazzjoni kif ukoll lill-industriji intensivi fl-enerġija, bħall-azzar u l-metalli, is-sustanzi kimiċi, is-siment, il-ħġieġ u ċ-ċeramika, u l-polpa u l-karta, sabiex jibqgħu reżiljenti u kompetittivi f'suq dinji u f'ambjent ġeopolitiku diffiċli. F'dan ir-rigward, huwa jilqa' l-proposta reċenti tal-Kummissjoni biex is-settur Ewropew tal-azzar jiġi protett minn impatti inġusti tal-kapaċità żejda dinjija. Huwa jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tmexxi 'l quddiem ir-rieżami previst skont ir-Regolament dwar l-istandards ta' rendiment għall-emissjonijiet tas-CO₂ għall-karozzi u l-vannijiet, u jappella għall-preżentazzjoni rapida ta' din il-proposta, b'kont meħud tan-newtralità teknoloġika u l-kontenut Ewropew. Jistenna bil-ħerqa l-proposta tal-Kummissjoni dwar l-aċċellerazzjoni tad-dekarbonizzazzjoni industrijali, li ser tikkontribwixxi biex tingħata spinta lid-domanda għall-"made in Europe". Huma meħtieġa wkoll aktar sforzi biex jissaħħu l-innovazzjoni u l-vantaġġ kompetittiv tal-Unjoni fit-teknoloġiji nodfa u diġitali, u l-innovazzjoni avvanzata.
43. Sabiex jiġu skoraġġuti u miġġielda Prattiki kummerċjali inġusti, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu effettiv mill-istrumenti ekonomiċi kollha tal-UE.
44. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni strateġika dwar kif tista' tiġi appoġġata l-kisba tal-mira klimatika intermedja tal-UE għall-2040.
45. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li jittieħed kont tal-elementi li ġejjin:
- a) il-kontribut realistiku tal-assorbimenti tal-karbonju għall-isforz ġenerali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, filwaqt li jitqiesu l-inċertezzi tal-assorbimenti naturali u jiġi żgurat li n-nuqqasijiet possibbli ma jkunux għad-detriment ta' setturi ekonomiċi oħra;

- b) l-importanza li jingħata kontribut għall-isforz dinji ta' tnaqqis tal-emissjonijiet b'mod li jkun kemm ambizzjuż kif ukoll kosteffiċjenti, b'mod partikolari billi jiġi definit livell adegwat ta' krediti internazzjonali ta' kwalità għolja;
 - c) il-ħtieġa għal klawżola ta' reviżjoni, fid-dawl tal-aħħar evidenza xjentifika, l-avvanzi teknoloġiċi u l-isfidi u l-opportunitajiet li qed jevolvu għall-kompetittività tal-UE fil-livell dinji.
46. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kummissjoni biex tkompli tiżviluppa l-kundizzjonijiet abilitanti meħtieġa biex tappoġġa lill-industrija u liċ-ċittadini Ewropej fil-kisba tal-mira intermedja għall-2040 u, f'dan il-kuntest, jilqa' l-ittra reċenti mill-President tal-Kummissjoni dwar il-klima u l-kompetittività. Huwa jistenna li l-Kummissjoni u l-koleġiżlaturi jmexxu 'l quddiem il-ħidma minnufih.
47. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi miżuri biex tiffaċilita d-dħul fis-seħħ tal-ETS2 u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta reviżjoni tal-qafas ta' implimentazzjoni tal-ETS2, li tinkludi l-aspetti rilevanti kollha.

Tranżizzjoni diġitali sovrana

48. Fid-dawl tal-bidliet ġeopolitiċi, il-bidla teknoloġika rapida, u l-kompetizzjoni dinjija dejjem tikber għall-innovazzjoni, it-talent u l-investment, huwa kruċjali li titmexxa 'l quddiem t-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa, tissaħħaħ is-sovranietà tagħha u tissaħħaħ l-ekosistema diġitali miftuħa tagħha stess. Dan jirrikjedi sħubijiet internazzjonali msaħħa u kollaborazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi sħab fdati u organizzazzjonijiet internazzjonali dwar l-innovazzjoni u l-governanza diġitali.

49. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-valuri, l-interessi u l-awtonomija regolatorja tal-Unjoni jirfdu l-azzjoni tal-UE, inkluż fl-isfera diġitali. Dan ifisser li l-UE ser tkompli trawwem soluzzjonijiet teknoloġiċi ċċentrati fuq il-bniedem, li jipproteġu lill-individwi u d-data tagħhom, u jissalvagwardaw ir-responsabbiltà diġitali, it-trasparenza u r-reżiljenza tas-soċjetà. Il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq l-importanza tal-protezzjoni tal-minorenni, inkluż permezz ta' età maġġuri diġitali għall-aċċess għall-media soċjali, li tirrispetta l-kompetenzi nazzjonali.
50. Barra minn hekk, l-infrastruttura diġitali u l-bażi teknoloġika tal-Unjoni jridu jiġu protetti, inkluż billi jiġu indirizzati r-riskji li jirriżultaw mit-theddid ibridu, l-isfidi għaċ-ċibersigurtà, u d-dipendenzi strateġiċi. Sabiex tiġi evitata dipendenza żejda fuq fornituri esterni, il-Kunsill Ewropew jissottolinja wkoll l-importanza li jiġu żviluppati kapaċitajiet teknoloġiċi Ewropej u jiġu ddiversifikati s-sorsi tal-UE ta' materja prima kritika.
51. Għal dak l-għan u biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa, l-Unjoni trid toffri ambjent li jwassal biex jiżdiedu l-innovazzjoni fis-settur privat, it-teknoloġiji emerġenti, il-ħolqien ta' negozji ġodda u aktar soluzzjonijiet teknoloġiċi Ewropej. Il-frammentazzjoni tas-suq, il-lakuni fl-infrastruttura u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija qed ikomplu jfixxlu l-potenzjal tat-tkabbir ta' din it-trasformazzjoni teknoloġika u jridu jiġu indirizzati wkoll. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja li huma meħtieġa sforzi partikolari biex tiġi avvanzata l-introduzzjoni tal-infrastruttura tal-konnettività, jiġi approfondit is-Suq Uniku għall-komunikazzjoni elettronika, kif ukoll biex jiġu promossi l-iżvilupp u l-użu ta' sistemi, networks u teknoloġiji diġitali sostenibbli. Jappella wkoll biex is-Suq Uniku jiġi diġitalizzat u għall-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali u data interoperabbli li tkun appoġġata fl-ekonomija Ewropea kollha.
52. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-inizjattivi reċenti tal-Kummissjoni dwar l-IA u t-teknoloġija kwantistika. Jistieden lill-Kummissjoni tibqa' ambizzjuża fir-rigward tat-trasformazzjoni diġitali sovrana tal-Ewropa fil-proposti li jmiss tagħha, inkluż dwar l-iżvilupp tal-cloud u tal-IA tal-UE.

V. AKKOMODAZZJONI

53. Fid-dawl tal-isfidi ta' akkomodazzjoni li jiffaċċaw ħafna ċittadini fl-Unjoni Ewropea, inkluż l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli, il-Kunsill Ewropew iddiskuta d-diversi dimensjonijiet ta' din il-kwistjoni urġenti.
54. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kummissjoni tippreżenta malajr pjan ambizzjuż u komprensiv għal akkomodazzjoni affordabbli, li l-għan tiegħu għandu jkun li jappoġġa u jikkomplementa l-isforzi tal-Istati Membri, inkluż fil-kuntest tal-aġenda ta' simplifikazzjoni, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-kompetenzi nazzjonali.

VI. MIGRAZZJONI

55. Il-Kunsill Ewropew evalwa l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-migrazzjoni, inkluż fil-kuntest tal-ittra reċenti mill-President tal-Kummissjoni. Il-Kunsill Ewropew jappella biex tiġi intensifikata l-ħidma fuq il-fergħat kollha identifikati f'Ġunju 2025 u biex il-koleġislaturi jmxexxu 'l quddiem il-ħidma fuq proposti leġiżlattivi rilevanti bħala prijorità.

VII. REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA

56. Il-Kunsill Ewropew ifaħħar lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Moldova għall-impenn sod tagħhom u għal miżuri effettivi għas-salvagwardja tal-integrità tal-proċess elettorali reċenti u għall-iżgurar ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti, minkejja attivitajiet ibridi sostnuti mwettqa mir-Russja biex jimminaw l-istituzzjonijiet demokratiċi tal-pajjiż. L-Unjoni Ewropea ser tkompli taħdem mill-qrib mar-Repubblika tal-Moldova biex issaħħaħ ir-reżiljenza u l-istabbiltà tal-pajjiż u tfittex li tislet tagħlimiet mill-esperjenza tal-pajjiż.

57. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-appoġġ sod tal-UE għar-Repubblika tal-Moldova fit-triq tal-adeżjoni tagħha u jilqa' l-progress sinifikanti miksub s'issa. Il-Kunsill Ewropew ihegġegħ lir-Repubblika tal-Moldova, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jmxexxu 'l quddiem il-ħidma fuq il-proċess ta' adeżjoni, f'konformità mal-approċċ ibbażat fuq il-mertu. Il-ġabra tal-elementi fundamentali ser tinfetaħ l-ewwel u tingħalaq l-aħħar, filwaqt li l-ġabriet jinfetħu meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, f'konformità mal-metodoloġija tat-tkabbir. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota sew tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-ġabra tal-elementi fundamentali, dik dwar is-suq intern u dik dwar ir-relazzjonijiet esterni huma lesti li jinfetħu.
-